

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1231

tas-27 ta' Awwissu 2020

dwar il-format u l-istruzzjonijiet għar-rapporti annwali rigward ir-riżultati tal-istħarriġ u dwar il-format tal-programmi ta' stħarriġ pluriennali u l-arranġamenti prattiċi, previsti rispettivament fl-Artikoli 22 u 23 tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 22(3) u l-Artikolu 23(3) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2016/2031 jistabbilixxi l-obbligi biex l-Istati Membri jwettqu stħarriġ ibbażat fuq ir-riskju għall-preżenza ta' pesti ta' kwarantina fl-Unjoni u sinjali u sintomi ta' xi pest soġġett għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 29 jew għall-miżuri adottati skont l-Artikolu 30(1), f'żoni fejn mhux magħruf li l-pesti kkonċernati kienu preżenti, u li kull sena jirrapportaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra r-riżultati ta' dan l-istħarriġ.
- (2) Bl-istess mod, l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2016/2031 jistabbilixxi l-obbligu biex kull sena l-Istati Membri jwettqu l-istħarriġ tal-pesti ta' prijorità kif stabbilit fl-Artikolu 22(1) u 22(2).
- (3) Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") żviluppat sett ta' għodod għas-sorveljanza tal-pesti tal-pjanti, b'kards tal-istħarriġ tal-pesti għall-pesti ta' kwarantina fl-Unjoni, u b'linji gwida speċifiċi għal approċċ tal-istħarriġ dwar il-pesti li jkun statistikament sod u bbażat fuq ir-riskju, kif ukoll informazzjoni speċifika dwar l-istħarriġ għal pesti speċifiċi. L-għan ta' dan is-sett ta' għodod huwa li jassisti lill-Istati Membri sabiex ifasslu u jimplimentaw l-istħarriġ biex jiġi żgurat approċċ koerenti fit-territorju kollu tal-Unjoni.
- (4) Sabiex tiġi żgurata preżentazzjoni uniformi tar-riżultati tal-istħarriġ tal-Istati Membri, jenħtieġ li jiġi adottat format standard tar-rapport annwali għall-pesti rilevanti kollha, inkluż struzzjonijiet dwar kif għandhom jiddaħħlu r-riżultati. Dak il-format jenħtieġ li jkun ibbażat fuq l-elementi elenkati fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) 2016/2031 u fuq ir-rekwiżiti applikabbli ta' stħarriġ stabbiliti bl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont ir-Regolament (UE) 2016/2031 għal pesti speċifiċi, kif ukoll fuq il-kards ta' stħarriġ dwar il-pesti rispettivi u, fejn ikun xieraq, fuq linji gwida speċifiċi, żviluppati mill-Awtorità għal dak l-iskop. Sabiex jiġi żgurat approċċ komprensiv, il-format jenħtieġ li jkopri l-istħarriġ dwar il-pesti ta' kwarantina fl-Unjoni u dwar il-pesti soġġetti għall-miżuri tal-Artikoli 29 u 30 tar-Regolament (UE) 2016/2031, f'dawk iż-żoni fejn mhux magħruf li l-pesti huma preżenti fl-Unjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4.

- (5) Madankollu, ikun hemm xi pesti li għalihom ċerti atti ta' implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 ikunu jirrikjedu li jitwettaq sħarriġ ibbażat fuq l-istatistika. Fil-każ ta' ċerti pesti, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jużaw l-approċċ ibbażat fuq l-istatistika. Għalhekk jixraq li jiġi stabbilit format speċifiku għall-istħarriġ ibbażat fuq l-istatistika, peress li jkun iktar adattat għall-preżentazzjoni tal-elementi ta' tali sħarriġ.
- (6) Dak il-format tal-programmi ta' sħarriġ pluriennali u l-arranġamenti prattiċi għall-applikazzjoni tal-elementi stabbiliti fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031 għal riskji ta' pesti speċifiċi jenħteġ li jkunu bbażati fuq l-esperjenza miksuba sa issa mill-Istati Membri fir-rigward tad-disinn, it-tmexxija, ir-rappurtar u l-preżentazzjoni tal-istħarriġ u l-kards tal-istħarriġ tal-pesti tal-Awtorità u, fejn ikun xieraq, il-linji gwida għas-sorveljanza ta' pesti speċifiċi.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Format u struzzjonijiet għar-rapport annwali dwar ir-riżultati tal-istħarriġ

1. Il-format u l-istruzzjonijiet għar-rapporti annwali ppreżentati mill-Istati Membri lill-Kummissjoni li jikkonċernaw ir-riżultati tal-istħarriġ ta' pesti previsti fl-Artikoli 22 u 24 tar-Regolament (UE) 2016/2031 huma stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.
2. F'konformità mal-format u mal-istruzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, ir-rapporti annwali dwar ir-riżultati tal-istħarriġ għandu jkun fihom il-partijiet li ġejjin:
 - (a) Parti I: Tagħrif ġenerali dwar ir-riżultati tal-istħarriġ;
 - (b) Parti II: Preżentazzjoni tar-riżultati tal-istħarriġ;
 - (c) Parti III: Sommarju tar-riżultati tal-istħarriġ u l-aġġornament tal-istatus tal-pesti.

Artikolu 2

Format għall-programmi ta' sħarriġ pluriennali u l-arranġamenti prattiċi għall-applikazzjoni tal-elementi li jikkonċernaw riskji ta' pesti speċifiċi

1. Il-format għall-programmi ta' sħarriġ pluriennali u l-arranġamenti prattiċi għall-applikazzjoni tal-elementi stabbiliti fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031 għar-riskji ta' pesti speċifiċi huma stabbiliti fl-Anness II.
2. Il-mudell tal-programmi ta' sħarriġ pluriennali għandu jikkonsisti mill-partijiet li ġejjin:
 - (a) Parti I: Tagħrif ġenerali;
 - (b) Parti II: Mudelli għall-programmi ta' sħarriġ pluriennali.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Awwissu 2020.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNEX I

Format u struzzjonijiet għar-rapport annwali tal-istħarriġ previst fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2016/2031

PART I

Informazzjoni ġenerali dwar ir-riżultati tal-istħarriġ kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 1(2)

Il-mudell dwar l-informazzjoni ġenerali rigward ir-riżultati tal-istħarriġ kif previst fil-punt (a) tal-Artikolu 1(2) huwa dan li ġej:

Tagħrif ġenerali dwar ir-riżultati tal-istħarriġ ta' [sena]

- Stat Membru:
- Awtorità Kompetenti:
- Persuna ta' kuntatt (isem, impjeg miżmum fi ħdan l-awtorità kompetenti, isem l-organizzazzjoni, in-numru tat-telefon u l-kont tal-posta elettronika funzjonali):
- Organizzazzjonijiet li jieħdu sehem fil-programm ta' stħarriġ, inklużi laboratorji:
- Sommarju tar-riżultati disponibbli pubblikament (bejn 500 u 3000 kelma):
 - *Deskrizzjoni qasira tal-ambitu tal-programm għal dik is-sena;*
 - *Deskrizzjoni qasira tal-metodoloġija użata għall-istħarriġ, inkluża kwalunkwe teknoloġija ġdida jew innovattiva (jekk rilevanti);*
 - *In-numru totali ta' pesti mistħarrġa dik is-sena fl-ambitu tal-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031;*
 - *In-numru ta' pesti individwati u kkonfermati uffiċjalment, u l-miżuri ta' segwitu meħuda;*
 - *L-objettivi speċifiċi tal-programm milħuqa dik is-sena;*
 - *Link għas-sit web nazzjonali b'aktar informazzjoni (jekk disponibbli).*

Fil-kolonna 5, 6 u 7: Fakultattiv jew meta applikabbli skont rekwiżiti legali speċifiċi għall-istħarriġ dwar il-pesti.

Fil-kolonna 5: Indika liema huma ż-żoni ta' riskju identifikat abbażi tal-bijoloġija tal-pest(i), il-preżenza tal-pjanti ospitanti, il-kondizzjonijiet ekoklimatiċi u l-postijiet ta' riskju.

Fil-kolonna 6: Indika ż-żona totali koperta mill-popolazzjoni fil-mira (ħa) fl-Istat Membru.

Fil-kolonna 7: Indika l-proporzjon taż-żona mistħarrġa tal-popolazzjoni fil-mira (iż-żona mistħarrġa/iż-żona tal-popolazzjoni fil-mira) f'perċentwal.

Fil-kolonna 8: Indika l-pjanti, il-frott, iż-żrieragħ, il-ħamrija, il-materjal tal-ippakkjar, l-injam, il-makkinarju, il-vetturi, il-vettur, l-ilma, oħrajn, filwaqt li tispeċifika l-każ speċifiku. Ir-riżultati għandhom jiġu pprovduti bl-użu ta' ringieli differenti biss meta r-rekwiżit speċifiku ta' stħarriġ legali dwar il-pesti jispeċifika l-lista ta' prodotti għall-istħarriġ.

Fil-kolonna 9: Indika l-lista tal-ispeċijiet/ġeneri tal-pjanti li ġew mistħarrġa. Tuża ringiela waħda għal kull speċi/ġeneru tal-pjanti biss meta jkun meħtieġ mir-rekwiżit speċifiku ta' stħarriġ legali dwar il-pesti.

Fil-kolonna 10: Indika x-xhur tas-sena meta twettaq l-istħarriġ. Fil-każ ta' pesti rrapportati għal kull grupp, huwa possibbli li d-*data* tiġi aggregata għall-pesti kollha fil-grupp f'ringiela waħda. Fil-każ ta' pesti mhux irrappurtati għal kull grupp, huwa possibbli li d-*data* tiġi aggregata f'ringiela waħda għal kull pest.

Fil-kolonna 11: Indika d-dettalji tal-istħarriġ, filwaqt li tqis ir-rekwiżiti legali speċifiċi tal-istħarriġ dwar il-pesti ta' kull pest. Indika b'M/A meta l-informazzjoni ta' ċerta kolonna ma tkunx applikabbli. Bl-eċċezzjoni tan-numru ta' eżamijiet viżwali, li jistgħu jiġu rrapportati fi grupp, id-*data* l-oħra kollha trid tiġi pprovduta għal kull pest sakemm ma tkunx inkluża ġustifikazzjoni għar-rapport fi grupp fil-kolonna 14 ("Kummenti"). Meta meħtieġ mir-rekwiżiti speċifiċi ta' stħarriġ legali dwar il-pesti, uża ringieli differenti (eż. biex tirrapporta tipi differenti ta' testijiet u n-numru tagħhom).

Fil-kolonna 12: Indika n-numru ta' rezultati pożittivi għal kull pest. Dan in-numru jista' jvarja min-numru ta' tifqigħat meta jiġu inklużi diversi rezultati pożittivi f'notifika waħda ta' tifqigħa.

Fil-kolonna 13: Indika n-notifiki tat-tifqigħat tas-sena meta sar l-istħarriġ.

Fil-kolonna 14: Inkludi kwalunkwe informazzjoni oħra li tqis rilevanti u, fejn applikabbli, informazzjoni dwar ir-riżultati tal-istħarriġ ta' pjanti asintomatiċi b'sebiet pożittivi.

2.2. Struzzjonijiet dwar kif timtela l-formola

Spjega s-suppożizzjonijiet sottostanti għad-disinn tal-istħarriġ għal kull pest. Ikteb fil-qosor u ġġustifika:

- Il-popolazzjoni fil-mira, l-unità epidemjoloġika u l-unitajiet ta' spezzjoni
- Il-metodu tal-individwazzjoni u s-sensittività tal-metodu
- Il-fattur(i) tar-riskju, li jindika l-livelli tar-riskju u r-riskji u l-proporzjonijiet relattivi korrispondenti tal-popolazzjoni tal-pjanti ospitanti

Fil-kolonna 1: Indika l-isem xjentifiku tal-pest (kif elenkat fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 jew fi kwalunkwe miżura speċifika għal pest partikolari).

Fil-kolonna 2: Indika l-postijiet ġeografiċi fejn sar l-istħarriġ, preferibbilment bl-użu tal-livelli aktar baxxi disponibbli tan-NUTS.

Fil-kolonna 3: Indika s-siti tal-istħarriġ, billi tuża aktar minn ringiela waħda għal kull pest meta dan ikun meħtieġ mir-rekwiżiti legali speċifiċi tal-istħarriġ dwar il-pesti. Jekk jogħġbok, dejjem irrapporta l-istħarriġ li sar f'Postijiet ta' produzzjoni awtorizzati, fringiela differenti. Meta tuża l-għażla "oħrajn", jekk jogħġbok speċifika x'inhi:

1. Fil-beraħ (żona ta' produzzjoni): 1.1 għalqa (ikkultivata, bur); 1.2. ġnien bis-siġar tal-frott/vinja; 1.3. mixtla; 1.4. foresta;
2. Fil-beraħ (oħrajn): 2.1. ġonna privati; 2.2. siti pubbliċi; 2.3. żona ta' konservazzjoni; 2.4. pjanti selvaġġi f'żoni għajr żoni ta' konservazzjoni; 2.5. oħrajn, bi speċifikazzjoni tal-każ partikolari (eż. ħanut tal-pjanti, siti kummerċjali li jużaw materjal tal-imballaġġ magħmul mill-injam, industrija tal-injam, artijiet mistaġħdra, network tat-tisqija u tad-drenaġġ, eċċ.);
3. Kundizzjonijiet magħluqa fiżikament: 3.1. serra; 3.2. sit privat, għajr serra; 3.3. sit pubbliku, għajr serra; 3.4. oħrajn, bi speċifikazzjoni tal-każ partikolari (eż. ħanut tal-pjanti, siti kummerċjali li jużaw materjal tal-imballaġġ magħmul mill-injam, industrija tal-injam).

Fil-kolonna 4: Indika x-xhur tas-sena meta twettqu l-istħarriġiet.

Fil-kolonna 5: Indika l-popolazzjoni fil-mira magħżula billi tipprovdi kif xieraq il-lista tal-ispeċijiet ospitanti u ż-żona koperta. Il-popolazzjoni fil-mira hija definita bħala l-grupp ta' unitajiet ta' spezzjoni. Id-daqs tagħha huwa ddefinit tipikament għal żoni agrikoli bl-ettari, iżda jista' jkun lottijiet, għelieqi, serer eċċ. Jekk jogħġbok iġġustifika l-għażla li saret fis-suppożizzjonijiet sottostanti. Indika l-unitajiet ta' spezzjoni mistħarrġa. "Unità ta' spezzjoni" tfisser pjanti, partijiet ta' pjanti, prodotti bażiċi, materjali, vetturi ta' pesti li ġew eżaminati bir-reqqa għall-identifikazzjoni u għall-individwazzjoni tal-pesti. Jekk iż-żona tal-popolazzjoni fil-mira ma tkunx disponibbli, indika M/A u inkludi n-numru ta' unitajiet ta' spezzjoni li jiffurmaw il-popolazzjoni fil-mira.

Fil-kolonna 6: Indika l-unitajiet epidemjoloġiċi mistħarrġa, filwaqt li tindika d-deskrizzjoni u l-unità ta' kejl tagħha. "Unità epidemjoloġika" tfisser żona omoġenja fejn l-interazzjonijiet bejn il-pest, il-pjanti ospitanti u l-fatturi u l-kundizzjonijiet abijotiċi u bijotiċi jirriżultaw fl-istess epidemjoloġija, jekk il-pest ikun preżenti. L-unitajiet epidemjoloġiċi huma suddiviżjoni tal-popolazzjoni fil-mira li hija omoġenja f'termini tal-epidemjoloġija b'mill-inqas pjanta ospitanti waħda. F'xi każijiet il-popolazzjoni tal-pjanti ospitanti kollha f'reġjun/żona/pajjiż tista' tiġi definita bħala unità epidemjoloġika. Dawn jistgħu jkun reġjuni tan-NUTS, żoni urbani, foresti, ġonna tal-ward jew irziezet, jew ettari. L-għażla għandha tkun iġġustifikata fis-suppożizzjonijiet sottostanti.

Fil-kolonna 7: Indika l-metodi użati matul l-istħarriġ inkluż in-numru ta' attivajiet f'kull każ, skont ir-rekwiżiti legali speċifiċi tal-istħarriġ dwar il-pesti ta' kull pest. Indika b'M/A meta l-informazzjoni ta' ċerta kolonna ma tkunx disponibbli.

Fil-kolonna 8: Indika stima tal-effettività tal-kampjunar. L-effettività tal-kampjunar tfisser il-probabbiltà li jintgħażlu partijiet ta' pjanti infettati minn pjanta infettata. Għall-vetturi, hija l-effettività tal-metodu li jaqbad vettur pożittiv meta jkun preżenti fiż-żona tal-istħarriġ. Għall-ħamrija, hija l-effettività tal-għażla ta' kampjun tal-ħamrija li jkun fih il-pest meta l-pest ikun preżenti fiż-żona tal-istħarriġ.

Fil-kolonna 9: "Sensittività tal-metodu" tfisser il-probabbiltà ta' metodu biex tiġi individwata b'mod korrett il-preżenza ta' pesti. Is-sensittività tal-metodu hija definita bħala l-probabbiltà li ospitant verament pożittiv jiġi individwat u kkonfermat bħala pożittiv u mhux identifikat ħażin. Hija l-multiplikazzjoni tal-effettività tal-kampjunar (jiġifieri l-probabbiltà li jintgħażlu partijiet infettati tal-pjanti minn pjanta infettata) bis-sensittività dijanjostika (karatterizzata mill-eżamijiet viżwali u/jew mit-test tal-laboratorju użati fil-proċess ta' identifikazzjoni).

Fil-kolonna 10: Ipprovi l-fatturi ta' riskju f'kolonni differenti, uża daqstant kolonni skont il-bżonn. Għal kull fattur ta' riskju indika l-livell ta' riskju u r-riskju relattiv korrispondenti u l-proporzjon tal-popolazzjoni tal-pjanti ospitanti.

Għall-kolonna B: Indika d-dettalji tal-istħarriġ, skont ir-rekwiżiti legali speċifiċi tal-istħarriġ dwar il-pesti għal kull pest. Indika b'M/A meta l-informazzjoni ta' ċerta kolonna ma tkunx applikabbli. L-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'dawn il-kolonni hija relatata mal-informazzjoni inkluża fil-kolonna 7 "Metodi ta' individwazzjoni".

Fil-kolonna 15: Indika n-numru ta' siti tal-insib f'każ li dan in-numru jkun differenti min-numru ta' nases (Kolonna 14) (eż. l-istess nassa tintuża f'postijiet differenti).

Fil-kolonna 18: Indika n-numru ta' kampjuni li nstabu pożittivi, negattivi jew mhux determinati. "Mhux determinati" huma dawk il-kampjuni analizzati li għalihom ma nkiseb l-ebda riżultat minħabba fatturi differenti (eż. taħt il-livell ta' individwazzjoni, kampjun mhux ipproċessat-mhux identifikat, antik, eċċ.).

Fil-kolonna 19: Indika n-notifiki tat-tifqigħat tas-sena meta sar l-istħarriġ.

Fil-kolonna 20: Indika s-sensittività tal-istħarriġ, kif definit fl-ISPM 31. Dan il-valur tal-livell ta' fiduċja miksub tal-ħelsien mill-pesti huwa kkalkulat abbażi tal-eżamijiet (u/jew il-kampjuni) imwettqa minħabba s-sensittività tal-metodu u l-prevalenza tad-disinn.

Fil-kolonna 21: Indika l-prevalenza tad-disinn ibbażata fuq stima ta' qabel l-istħarriġ tal-probabbiltà ta' prevalenza attwali tal-pest fl-għalqa. Il-prevalenza tad-disinn hija stabbilita bħala mira tal-istħarriġ u tikkorrispondi mal-kompromess li l-maniġers tar-riskju qed jagħmlu bejn ir-riskju li jkollhom il-pest u r-riżorsi disponibbli għall-istħarriġ. Tipikament, għal stħarriġ ta' individwazzjoni jiġi stabbilit valur ta' 1 %.

PARTI III

Elementi tar-rapport annwali li jikkonċernaw is-sommarju tar-riżultati tal-istħarriġ u l-aġġornament tal-istatus tal-pesti mistħarrġa, kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 1(2)

Ir-rapport għandu jiġbor fil-qosor ir-riżultati tal-istħarriġ u jaġġorna l-istatus ta' kull pest inkluż fl-istħarriġ annwali, f'konformità mal-Istandard Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji (ISPM 8) u l-mudell li ġej:

“Aġġornament tal-istatus ta' pesti għal kull pest inkluż fl-istħarriġ annwali f'konformità mal-Istandard Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji (ISPM 8)

	Pest	Status tal-pest fil-bidu tal-istħarriġ	Status aġġornat tal-pest wara l-istħarriġ annwali
1.			
n			

”

ANNEX II

Format għall-programmi ta' stħarriġ pluriennali previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2016/2031, u arranġamenti prattiċi għall-applikazzjoni tal-elementi stabbiliti f'dak l-Artikolu

PARTI I

Informazzjoni ġenerali kif imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 2(2)

1. Mudell

‘Informazzjoni ġenerali għal [snin]

- Stat Membru:
- Awtorità Kompetenti:
- Persuna ta' kuntatt (isem, impjeg miżmum fi ħdan l-awtorità kompetenti, isem l-organizzazzjoni, in-numru tat-telefon u l-kont tal-posta elettronika funzjonali):
- Objettiv speċifiku ta' kull sena tal-programm pluriennali tal-istħarriġ (għal aktar dettalji, ara l-punt (a) fit-taqsimha ta' hawn taħt, “Arranġamenti prattiċi”):
- Ġustifikazzjoni f'konformità mal-Artikoli 22(1) u 24(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031 f'każ ta' nuqqas ta' inklużjoni ta' ċerti pesti ta' kwarantina fl-Unjoni, pesti li jikkwalifikaw b'mod provviżorju bħala pesti ta' kwarantina fl-Unjoni jew pesti ta' prijorità (fuq bażi annwali) fil-programm ta' stħarriġ pluriennali (għal aktar dettalji, ara l-punt (b) fit-taqsimha hawn taħt, “Arranġamenti prattiċi”):

Pest	Ġustifikazzjoni għan-nuqqas ta' inklużjoni fil-programm ta' stħarriġ pluriennali

- Metodi ta' reġistrazzjoni u rappurtar tal-informazzjoni miġbura (għal aktar dettalji, ara l-punt (c) fit-taqsimha ta' hawn taħt, “Arranġamenti prattiċi”):
- Sommarju pprovdut mill-Istat Membru disponibbli għall-pubbliku ġenerali (għall-pubblikazzjoni fuq is-sit web tal-Kummissjoni, bejn 350 u 2000 kelma) (għal iktar dettalji, ara l-punt (d) fit-taqsimha ta' hawn taħt, “Arranġamenti prattiċi”):

2. Arranġamenti prattiċi

- (a) Iddeskrivi fil-qosor u ppreżenta r-raġunament għad-distribuzzjoni tal-pesti matul il-5-7 snin tal-programm pluriennali.
- (b) Skont l-Artikoli 22(1) u 24(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031, ipprovdur ġustifikazzjonijiet għal kull pest mhux inkluż fil-programm ta' stħarriġ pluriennali.
- (c) Fl-informazzjoni li tikkonċerna l-metodi ta' reġistrazzjoni u rappurtar, l-informazzjoni miġbura inkludi deskrizzjoni fil-qosor tal-metodi ewlenin użati għat-tweqqif u għar-rappurtar tal-istħarriġ fit-territorju tal-Istat Membru.
- (d) Fis-sommarju pprovdut għall-pubbliku ġenerali inkludi dan li ġej:
 - deskrizzjoni qasira u l-ambitu tal-programm ta' stħarriġ pluriennali;
 - deskrizzjoni qasira tal-metodoloġija li għandha tintuża għall-istħarriġ, inkluda kwalunkwe teknoloġija ġdida jew innovattiva (jekk rilevanti);
 - in-numru totali ta' pesti koperti;
 - link għas-sit web tal-awtorità kompetenti nazzjonali b'aktar informazzjoni (jekk disponibbli).

Mudelli għall-programmi ta' stħarriġ pluriennali kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 2(2)

1. Elementi tal-programm ta' stħarriġ pluriennali li jikkonċernaw pesti ta' kwarantina fl-Unjoni u pesti soġġetti għal miżuri skont l-Artikoli 29 u 30 tar-Regolament (UE) 2016/2031 f'żoni fejn mhux magħruf li daww il-pesti huma preżenti

1.1. Mudell

'Programm ta' stħarriġ pluriennali għal [snin] li jikkonċerna pesti ta' kwarantina fl-Unjoni u pesti soġġetti għal miżuri skont l-Artikoli 29 u 30 tar-Regolament (UE) 2016/2031 f'żoni fejn mhux magħruf li l-pesti huma preżenti

1. Sena	2. Pesti mistħarrġa fi gruppi	3. Pest	4. Pożizzjoni ġeografika	5. Siti ta' stħarriġ		6. Żoni ta' riskju	7. Materjal tal-pjanti/Prodott bażiku	8. Lista ta' speċijiet ta' pjanti	9. Ħin	10. Dettalji tal-istħarriġ:											11. Kummenti				
				Deskrizzjoni	Numru					A	B	C	D	E	F	G	H	I	J						
Sena 1	Grupp 1 – Postijiet ta' produzzjoni awtorizzati																								
	Grupp 2																								

2. Fil-beraħ (oħrajn): 2.1. ġonna privati; 2.2. siti pubbliċi; 2.3. żona ta' konservazzjoni; 2.4. pjanti selvaġġi f'żoni għajr żoni ta' konservazzjoni; 2.5. oħrajn, bi speċifikazzjoni tal-każ partikolari (eż. ħanut tal-pjanti, siti kummerċjali li jużaw materjal tal-imballaġġ magħmul mill-injam, industrija tal-injam, artijiet mistagħdra, network tat-tisqija u tad-drenaġġ, eċċ.);
3. Kundizzjonijiet magħluqa fiżikament: 3.1. serra; 3.2. sit privat, għajr serra; 3.3. sit pubbliku, għajr serra; 3.4. oħrajn, bi speċifikazzjoni tal-każ partikolari (eż. ħanut tal-pjanti, siti kummerċjali li jużaw materjal tal-imballaġġ magħmul mill-injam, industrija tal-injam).

Fil-kolonna 6: Fakultattiv jew meta applikabbli skont rekwiżiti legali speċifiċi għall-istħarriġ dwar il-pesti. Indika ż-żoni ta' riskju bbażati fuq il-bijoloġija tal-pest(i), il-preżenza tal-pjanti ospitanti, il-kondizzjonijiet ekoklimatiċi u l-postijiet ta' riskju.

Fil-kolonna 7: Indika l-pjanti, il-frott, iż-żrieragħ, il-ħamrija, il-materjal tal-ippakkjar, l-injam, il-makkinarju, il-vetturi, il-vettur, l-ilma, oħrajn, filwaqt li tispeċifika l-każ speċifiku. Meta r-rekwiżit speċifiku tal-istħarriġ legali dwar il-pesti jispeċifika l-lista ta' prodotti bażiċi li għandhom jiġu mistħarrġa, il-programm għandu jinkludi l-attivitajiet ipplanati għal kull prodott billi jintużaw ringieli differenti.

Fil-kolonna 8: Indika l-lista tal-ispeċijiet/ġeneri tal-pjanti li se jiġu mistħarrġa. Meta jkun meħtieġ mir-rekwiżit speċifiku ta' stħarriġ legali dwar il-pesti, il-programm għandu jinkludi l-lista tal-ispeċijiet/ġeneri tal-pjanti bl-użu ta' ringiela differenti għal kull speċi/ġeneru tal-pjanti.

Fil-kolonna 9: Indika x-xhur tas-sena meta se jitwettaq l-istħarriġ. Fil-każ ta' pesti rrapportati għal kull grupp, huwa possibbli li d-*data* tiġi aggregata għall-pesti kollha fil-grupp fringiela waħda. Fil-każ ta' pesti mhux irrappurtati fi gruppi, huwa possibbli li d-*data* tiġi aggregata fringiela waħda għal kull pest.

Fil-kolonna 10: Indika d-dettalji tal-istħarriġ, filwaqt li tqis ir-rekwiżiti legali speċifiċi ta' kull pest. Indika b'M/A meta l-informazzjoni ta' ċerta kolonna ma tkunx disponibbli. Huwa possibbli biss li d-*data* minn din il-kolonna tinġabar flimkien fl-istess livell tal-grupp ta' pesti għan-numru ta' eżamijiet viżwali. Meta meħtieġ mir-rekwiżiti legali speċifiċi tal-istħarriġ dwar il-pesti, uża ringieli differenti (eż. il-pjan tal-użu ta' tipi differenti ta' testijiet u n-numru tagħhom).

Fil-kolonna 7: Indika l-unitajiet epidemjoloġiċi li għandhom jiġu mistħarrġa, filwaqt li tindika d-deskrizzjoni u l-unità tal-kejl tagħha. L-unità epidemjoloġika hija definita bħala żona omoġenja fejn l-interazzjonijiet bejn il-pest, il-pjanti ospitanti u l-fatturi u l-kundizzjonijiet abijotiċi u bijotiċi jirriżultaw fl-istess epidemjoloġija, jekk il-pest ikun preżenti. L-unitajiet epidemjoloġiċi huma suddiviżjoni tal-popolazzjoni fil-mira li hija omoġenja f'termini tal-epidemjoloġija b'mill-inqas pjanta ospitanti waħda. F'xi każijiet il-popolazzjoni tal-pjanti ospitanti kollha f'reġjun/żona/pajjiż tista' tiġi definita bħala unita epidemjoloġika. Dawn jistgħu jkunu reġjuni tan-NUTS, żoni urbani, foresti, għonja tal-ward jew irziezet, jew ettari. L-għażla għandha tkun iġġustifikata fis-suppożizzjonijiet sottostanti.

Fil-kolonna 8: Indika l-metodi li se jintużaw matul l-istharrġ inkluż in-numru ta' attivitajiet f'kull każ, skont ir-rekwiżiti legali speċifiċi tal-istharrġ dwar il-pesti ta' kull pest. Indika b'M/A meta l-informazzjoni ta' ċerta kolonna ma tkunx disponibbli. Indika iva/le f'Eżamijiet viżwali u pprovdidi d-dettalji tal-metodi għall-Insib, għall-Ittestjar u għal Miżuri oħra.

Fil-kolonna 9: Indika stima tal-effettività tal-kampjunar. L-effettività tal-kampjunar tfisser il-probabbiltà li jintgħażlu partijiet ta' pjanti infettati minn pjanta infettata. Għall-vetturi, hija l-effettività tal-metodu li jaqbad vettur pożittiv meta jkun preżenti fiż-żona tal-istharrġ. Għall-ħamrija, hija l-effettività tal-għażla ta' kampjun tal-ħamrija li jkun fih il-pest meta l-pest ikun preżenti fiż-żona tal-istharrġ.

Fil-kolonna 10: "Sensittività tal-metodu" tfisser il-probabbiltà ta' metodu biex tiġi individwata b'mod korrett il-preżenza ta' pesti. Is-sensittività tal-metodu hija definita bħala l-probabbiltà li ospitant verament pożittiv jiġi individwat u kkonfermat bħala pożittiv u mhux identifikat ħażin. Hija l-multiplikazzjoni tal-effettività tal-kampjunar (jiġifieri l-probabbiltà li jintgħażlu partijiet infettati tal-pjanti minn pjanta infettata) bis-sensittività dijanjostika (karatterizzata mill-eżami viżwali u/jew mit-test tal-laboratorju użati fil-proċess ta' identifikazzjoni).

Fil-kolonna 11: Ipprovdidi l-fatturi ta' riskju f'kolonni differenti, uża daqstant kolonni skont il-bżonn. Għal kull fattur ta' riskju indika l-livell ta' riskju u r-riskju relattiv korrispondenti u l-proporzjon tal-popolazzjoni tal-pjanti ospitanti.

Għall-kolonna B: Indika n-numru ta' attivitajiet ipplanati, billi tispeċifika t-tip ta' attività. Indika b'M/A meta l-informazzjoni ta' ċerta kolonna ma tkunx disponibbli. L-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'dawn il-kolonni hija relatata mal-informazzjoni inkluża fil-kolonna 8 "Metodi ta' individwazzjoni ipplanati".

Fil-kolonna 16: Indika n-numru ta' siti tal-insib f'każ li dan in-numru jkun differenti min-numru ta' nases (Kolonna 15) (eż. l-istess nassa tintuża f'postijiet differenti).

Fil-kolonna 20: Indika s-sensittività tal-istharrġ, kif definit fl-ISPM 31. Dan il-valur tal-livell ta' fiduċja miksub tal-ħelsien mill-pesti huwa kkalkulat abbażi tal-eżamijiet (u/jew il-kampjuni) imwettqa minħabba s-sensittività tal-metodu u l-prevalenza tad-disinn.

Fil-kolonna 21: Indika l-prevalenza tad-disinn ibbażata fuq stima ta' qabel l-istharrġ tal-probabbiltà ta' prevalenza attwali tal-pest fl-għalqa. Il-prevalenza tad-disinn hija stabbilita bħala mira tal-istharrġ u tikkorrispondi mal-kompromess li l-manigġers tar-riskju qed jagħmlu bejn ir-riskju li jkollhom il-pest u r-riżorsi disponibbli għall-istharrġ. Tipikament, għal stharrġ ta' individwazzjoni jiġi stabbilit valur ta' 1 %.
